MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 328/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mariella Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmija Mariella Caruana talli nhar l-24 ta’ April 2010 ghall-habta tal-16:00 hrs, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Anthony Caruana ghal uliedha, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Mariella

Caruana hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u lliberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Mariella Caruana pprezentat fit-13 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u b’dan li ma ssibhiex hatja ta’ l-istess imputazzjoni u minnha tilliberaha biex b’hekk tilliberaha minn kull htija, jew alternattivament tvarja s-sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta billi timponi piena anqas harxa fuqha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti Mariella Caruana huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nulla ghax l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi l-fatti fuq liema l-appellanti nstabet hatja u dan bi ksur ta’ l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) li n-nuqqas ta’ access ma sarx minghajr raguni xierqa u kienu uliedha li ma ridux imorru ma’ missierhom; (3) li c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jindikaw li l-piena kellha tkun anqas harxa.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti tissottometti illi s-sentenza appellata ma tikkonformax mar-rekwiziti mehtiega *ad validitatem* skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghax l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi l-fatti fuq liema nstabet hatja. Issa, l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Meta l-artikolu 382 jirreferi ghall-fatti, qieghed jirreferi ghar-reati li taghhom l-imputat ikun gie misjub hati. Fis-sentenza appellata hemm referenza ghall-imputazzjoni li taghha l-appellanti nstabet hatja, bhalma hemm ghall-elementi l-ohra mehtiega *ad validitatem*. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellanti tghid illi n-nuqqas ta’ access sar ghal raguni xierqa ghax hi ghamlet dak kollu li kien fil-kontroll taghha biex l-access isir. Difatti hija hadet lil uliedha fil-lok stabilit ghall-access u kienu uliedha stess li qalu li ma ridux imorru ma’ missierhom.

Jirrizulta illi a tenur ta’ digriet tal-15 ta’ Marzu 2010 tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) Anthony Caruana ghandu d-dritt ta’ access ghal uliedu minuri Jade u Luke kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m. u mill-4.00 p.m. il-Gimgha sas-6.00 p.m. is-Sibt u jalterna ma’ l-4.00 p.m. is-Sibt sas-6.00 p.m. il-Hadd, u li ghandhom jingabru minn fejn l-Ghassa tal-Pulizija tal-lokal fejn jabitaw it-tfal. Jirrizulta illi fl-24 ta’ April 2010 l-appellanti hadet it-tfal hdejn l-Ghassa izda t-tfal ma ridux imorru ma’ missierhom. Jidher li din il-kwistjoni (li allegatament it-tfal ma jkunux iridu jmorru ma’ missierhom) giet investigata mill-avukat tat-tfal Dott. Stephanie Galea li f’rapport ipprezentat fl-4 ta’ Marzu 2010 fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) qalet li t-tfal imsemmija ma kinux iridu jiltaqghu ma’ missierhom ghax “qisu qed ituh tort ghall-inkwiet li qam fil-familja taghhom.” Hija ssuggeriet li t-tfal ghandhom jithallew liberi li jaraw lil missierhom meta jhossuhom komdi ghax jista’ jkun ta’ dannu jekk jigu mgieghla jiltaqghu mieghu bil-fors. Fl-istess hin qalet li ma kinitx qed tissuggerixxi li l-access jieqaf u li t-tfal ghandhom jitkellmu ma’ *counselor* jew *therapist* biex jghinhom jeghlbu r-rabja li ghandhom lejn missierhom. Fl-14 ta’ April 2010 l-appellanti ntavolat rikors quddiem dik il-Qorti fejn talbet lil dik il-Qorti tittratta r-rikors b’urgenza, tirrevoka d-digriet tal-15 ta’ Marzu 2010 u tahtar persuna specjalizzata sabiex tezamina u tirrelata dwar il-problema msemmija minn Dott. Galea. Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) b’digriet tat-22 ta’ April 2010

cahdet l-ewwel zewg talbiet u rrizervat li tappunta psikologa jekk ikun hemm il-htiega.

Mela fl-24 ta' April 2010 id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kien ghadu vigenti. Issa, huwa minnu illi dakinhar l-appellanti hadet lil uliedha ghall-access. Izda mhix gustifikazzjoni li tghid li uliedha ma ridux imorru *sic et simpliciter*. Fil-kaz citat mid-difiza **Il-Pulizija v. Isabelle Cilia** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Lulju 2010, kien hemm raguni xierqa konsistenti fil-fatt li l-appellanti f'dak il-kaz "kienet qed tbati minn infezzjoni qawwija f'ghajnejha u kienet giet moghtija parir biex ma tohrogx biex ma tesponix ghajnejha ghar-rih u ghat-trabijiet".

Sakemm jinbidel ordni tal-Qorti u ma jkunx hemm raguni xierqa, l-ordni ghall-access irid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat. Il-fatt li, forsi per kirjanza, l-appellanti hadet lil uliedha ghall-access fid-data u l-hin miftiehem u ma ghamlet xejn biex tassigura li dak l-access ikun wiehed effettiv, jammonta ghal rifjut ta' l-access.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta' Mejju 2003:

**"Din il-Qorti terga' ttenni dak li diga` gie ritenut minnha diversament preseduta u cioe` li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli u immaginabbli, din il-Qorti tigi ridotta f'Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b'xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni."**

F'dan il-kaz l-appellanti talbet ir-revoka tad-digriet relattiv u din it-talba giet michuda.

U kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta, meta l-Qorti tigi **"biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest"** (Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale** deciz fil-25 ta' Lulju 1994). U **"b'raguni xierqa wiehed ghandu jifhem kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni oggettivament xierqa u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-access. Ezempju ta' dan hu xi mard serju tal-minuri li ma jkunx jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar"** (Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Ebejer** tad-19 ta' Dicembru 1996 u **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta' Mejju 2003).

Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Natasha Theuma** moghtija fit-8 ta' Gunju 2007 fejn inghad:

**"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li jinghad fis-sentenza appellata, anke fuq l-iskorta ta' sentenza ta' din il-Qorti (Qorti ta' l-Appell Kriminali), diversament komposta, tas-17 ta' Frar 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Isabelle Cilia, fis-sens li l-paragrafu (*ll*) in dizamina jimporta element ta' *positive obligation* da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja "taghti access", espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra. Fil-kaz Cilia, *supra*, gie ritenut li r-rifjut ta' tifel ta' ghaxar snin li jmur ghand missieru, probabbilment ghax kien jara lil ommu tibki u ghalhekk b'sens ta' lealta` lejha ma kienx irid imur ghand missieru, ma kienx jezonera lill-omm milli fizikament tikkonsenja lil dan it-tifel lill-missier. Kif inghad f'dik is-sentenza, l-ordni tal-qorti civili kompetenti kellu jigi rispettat u osservat *ad unguem* u ma setax *"…jigi evitat biss bl-agir testard***

***ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jipprezenta ebda diffikulta` biex jigi konsenjat fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda tieghu, mill-omm lill-missier. Altrimenti jigi li dan it-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni tal-qorti."* Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access"; ikun ukoll facli li dan l-obbligu jigi eluz billi, kif sfortunatament spiss jigri, it-tfal jigu manipulati, direttament jew indirettament, bi kliem, gesti jew anke b'semplici atteggjament da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja biex dawn "jirrifjutaw" li jmorru mal-parti l-ohra. Mill-banda l-ohra wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke t-tfal jistghu jippruvaw jisfruttaw u jimmanipulaw is-sitwazzjoni, hafna drabi ta' tensjoni u pika, li jkunu jinsabu fiha l-genituri, a beneficcju taghhom, u dak li jkunu "jridu" jew "jixtiequ" it-tfal ma hux necessarjament fl-interess veru taghhom."**

F'dan il-kaz, il-fatt tan-nuqqas ta' access jirrizulta pruvat u fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultawx "ragunijiet xierqa" li minhabba fihom missier il-minuri gie michud tali access. Din il-Qorti tittama li, fl-interess tal-minuri, jirrenja l-bon sens da parti taz-zewg partijiet. It-tieni aggravju qieghed b'hekk jigi michud.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tqis li liberazzjoni kondizzjonata ghal perijodu ta' xahar ma hi piena harxa xejn, u ghalhekk anke t-tielet aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ta' xahar liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------